

Brussell, 3 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12413/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0183 (NLE)**

**POLCOM 200
SERVICES 37
FDI 32
COLAC 117**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 338 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komunitan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 338 final.

Mehmuż: COM(2025) 338 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2025
COM(2025) 338 final

2025/0183 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta mehmuża tikkostitwixxi l-istrument legali għall-awtorizzazzjoni tal-firma tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj (minn hawn 'il quddiem "l-ITA").

Il-Mercosur¹ huwa l-5 l-akbar ekonomija fid-dinja barra mill-UE f'termini ta' PDG (EUR 2,9 triljun fl-2023), u l-11 l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE. Huwa suq importanti, b'popolazzjoni ta' aktar minn 270 miljun abitant u potenzjal kbir mhux sfruttat għall-kummerċ u l-investment. L-UE hija l-ewwel ekonomija ewlenija li laħqet ftehim kummerċjali komprensiv mal-Mercosur, li se jagħti lill-esportaturi, lill-fornituri tas-servizzi u lill-investituri tal-UE vantaġġ importanti ta' min jidħol l-ewwel f'dan ir-reġjun. L-ITA se jsaħħaħ ir-rabtiet bejn sħab affidabbli tal-istess fehma, u jirrifletti l-impenn taż-żewġ naħat għal kummerċ miftuħ, sostenibbli u bbażat fuq ir-regoli, li jiġġieled il-protezzjoniżmu. Dan se johlq qafas ambizzjuż u komprensiv għar-relazzjoni kummerċjali li se jikkontribwixxi għas-sigurtà ekonomika u jgħin biex jiġu ffaċċjati l-isfidi globali attwali.

Fit-13 ta' Settembru 1999, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tiftaħ negozjati mal-Mercosur u adotta direttivi ta' negozjati. In-negozjati tmexxew f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Amerka Latina u l-Karibew. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali ġie kkonsultat dwar il-partijiet tan-negozjati relatati mal-kummerċ. Il-proċess tan-negozjati dam aktar minn 25 sena. In-negozjati tal-partijiet relatati mal-kummerċ inizjalment ġew konklużi politikament f'Ġunju 2019 u tal-parti politika u ta' kooperazzjoni f'Ġunju 2020. Matul l-2023 u l-2024, l-UE u l-Mercosur innegozjaw elementi addizzjonali, b'mod partikolari l-Anness tal-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, inklużi impenji msaħħa dwar id-deforestazzjoni kif ukoll dispożizzjonijiet li jagħtu aktar flessibilità lill-Mercosur dwar xi impenji relatati mal-politika industrijali (pereż. l-akkwist pubbliku). L-UE u l-Mercosur u l-membri tiegħu kkonkludew in-negozjati tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj (minn hawn 'il quddiem l-"EMPA") fis-6 ta' Diċembru 2024 f'Montevideo, l-Urugwaj.

It-testi nnegozjati relatati mal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investment ġew ippubblikati mill-Kummissjoni f'Awwissu 2019 u f'Diċembru 2024.

L-eżitu nnegozjat jikkonsisti f'żewġ strumenti legali:

1. l-EMPA li se jinkludi a) il-pilastru Politiku u ta' Kooperazzjoni u b) il-pilastru Kummerċjali; kif ukoll
2. l-ITA li jkopri l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investment.

¹ Is-Suq Komuni tan-Nofsinhar (MERCOSUR għall-inizjali Spanjoli tiegħu) huwa proċess ta' integrazzjoni reġjonali, inizjalment stabbilit mill-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj, u sussegwentement ingħaqad miegħu l-Venezwela (attwalment sospiża) u l-Bolivja (fil-proċess ta' adeżjoni). L-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj biss huma partijiet għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur.

L-ITA huwa maħsub li jiġi ffirmat fl-istess ħin tal-EMPA. Skont l-Artikolu 23.2(1), l-ITA se jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub meta lestew il-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għal dan il-fini. L-ITA se jiskadi u jiġi sostitwit mill-EMPA mad-dħul fis-seħħ ta' dan tal-aħħar, wara r-ratifika tiegħu.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-ITA jipprovdi qafas legali komprensiv għar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment bejn l-UE u l-Mercosur. Dan se jibqa' fis-seħħ sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur.

L-ITA se jissostitwixxi t-Titolu II tal-Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni Interreġjonali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u s-Suq Komuni tan-Nofsinar u l-Istati Parti tiegħu, iffirmat f'Madrid fil-15 ta' Diċembru 1995.

L-ITA huwa kompletament konformi mal-viżjoni ġenerali tal-UE għas-sħubija tagħha mal-Amerka Latina u l-Karibew, kif deskritt fil-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Aġenda Ġdida għar-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew, adottata fis-7 ta' Ġunju 2023.

Barra minn hekk, l-ITA huwa konformi mar-“Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva”, ta' Frar 2021, li jankra l-politika tal-kummerċ u tal-investiment mal-istandards u l-valuri Ewropej u universali, flimkien mal-interessi ekonomiċi ewlenin, filwaqt li jagħmel enfasi akbar fuq l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, l-evalazzjoni tat-taxxa, il-protezzjoni tal-konsumatur, u l-kummerċ responsabbli u ġust.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-ITA bejn l-UE u l-Mercosur huwa kompletament konsistenti mal-politiki tal-Unjoni Ewropea, u mhux se jirrikjedi li l-UE temenda r-regoli, ir-regolamenti jew l-istandards tagħha fl-ebda qasam irregolat, pereż. ir-regoli tekniċi u l-istandards tal-prodotti, ir-regoli sanitarji u fitosanitarji, ir-regolamenti dwar l-ikel u dwar is-sikurezza, l-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza, ir-regoli dwar l-OĠM, il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-konsumatur.

L-ITA bejn l-UE u l-Mercosur jinkludi wkoll kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, li jorbot il-Ftehim mal-oġettivi ġenerali tal-UE ta' żvilupp sostenibbli u oġettivi speċifiċi fl-oqsma tax-xogħol, l-ambjent u t-tibdil fil-klima.

Barra minn hekk, l-ITA bejn l-UE u l-Mercosur jissalvagwardja s-servizzi pubbliċi u jiżgura li d-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku jiġi ppreservat bis-sħiħ mill-Ftehim u jikkostitwixxi prinċipju bażiku sottostanti tiegħu.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-Kummissjoni tippreżenta r-riżultat tan-negożjati mal-Mercosur fil-forma ta' żewġ ftehimiet awtonomi iżda konnessi: l-ITA u l-EMPA.

F'konformità mat-Trattati u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari mal-Opinjoni 2/15 tagħha tas-16 ta' Mejju 2017 dwar il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Singapore, l-oqsma kollha koperti mill-ITA jaqgħu fil-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea u, b'mod aktar partikolari, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 91, 100(2) u 207 TFUE.

L-ITA jrid jiġi ffirmat mill-Unjoni Ewropea skont deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 218(5) TFUE u konkluż mill-Unjoni Ewropea skont deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 218(6) TFUE, wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-ITA bejn l-UE u l-Mercosur, kif ippreżentat lill-Kunsill, ma jkoprix kwistjonijiet li ma jaqgħux fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Il-ftehimiet kummerċjali huma l-mezzi xierqa biex jirregolaw l-aċċess għas-suq u l-oqsma relatati ta' relazzjonijiet ekonomiċi komprensivi ma' pajjiż terz barra mill-UE. Ma jeżisti l-ebda mezz alternattiv biex tali impenji u sforzi ta' liberalizzazzjoni jsiru legalment vinkolanti.

Din l-inizjattiva ssegwi direttament l-oġettivi tal-Unjoni fl-azzjoni esterna u tikkontribwixxi għall-prijorità politika tal-“UE bħala attur globali aktar b'saħħtu”. Hija f'konformità mal-orjentazzjonijiet tal-Istrateġija Globali tal-UE li tikkoopera ma' pajjiżi oħra u li tagħti spinta lis-sħubijiet esterni tagħha b'mod responsabbli, sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet esterni tal-UE. Din tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-UE dwar il-kummerċ u l-iżvilupp. Il-proposta hija konformi mal-Patt Ekoloġiku tal-UE.

In-negozjati għall-ITA mal-Mercosur twettqu f'konformità mad-direttivi ta' negozjati stipulati mill-Kunsill. L-eżitu tan-negozjati ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-oġettivi ta' politika stabbiliti fid-direttivi ta' negozjar.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill qed titressaq f'konformità mal-paragrafu 5 tal-Artikolu 218 TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar ta' ftehimiet internazzjonali. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Matul in-negozjati mal-Mercosur, ġiet ikkommissjonata Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (VIS) minn kuntrattur estern biex tistudja l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali potenzjali tal-parti kummerċjali tal-ftehim. Il-VIS ikkontribwiet għan-negozjati u infurmat lin-negozjaturi u lis-servizzi tal-Kummissjoni. Ir-rapport finali ġie ppubblikat fid-29 ta' Marzu 2021.

Fil-qafas tal-proċess tal-VIS, il-kuntrattur ikkonsulta esperti interni u esterni b'mod wiesa', organizza konsultazzjonijiet pubbliċi u sessjonijiet ta' ħidma, wettaq kwestjonarji online u organizza laqgħat bilaterali u intervisti mas-soċjetà ċivili kemm fl-Ewropa kif ukoll fil-Mercosur. Il-konsultazzjonijiet fil-qafas tal-VIS ipprovdew pjattaforma siewja u effettiva għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati ewlenin u tas-soċjetà ċivili, li pparteċipaw f'numri sinifikanti.

Matul il-proċess kollu tan-negozjati, inkluż qabel u wara kull ċiklu ta' negozjati, il-Kummissjoni infurmat u kkonsultat lill-Istati Membri tal-UE bil-fomm u bil-miktub dwar l-

aspetti differenti tan-negozjati permezz tal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali tal-Kunsill. Il-Parlament Ewropew ukoll ġie infurmat u kkonsultat regolarment permezz tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali tiegħu (INTA, Committee on International Trade), u b'mod partikolari tal-Grupp ta' Monitoraġġ UE-Mercosur. L-abbozzi ta' proposti kif ukoll it-testi li jirriżultaw min-negozjati ntbagħtu liż-żewġ istituzzjonijiet matul il-proċess tan-negozjati. Il-Kummissjoni organizza ukoll għadd ta' laqgħat u kuntatti mas-soċjetà ċivili (Djalogi tas-Soċjetà Ċivili) biex tiddiskuti l-progress u l-pożizzjonijiet ta' negozjar matul in-negozjati.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-*“Valutazzjoni tal-Impatt tas-Sostenibbiltà b'Appoġġ għan-Negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mercosur”* twettqet mill-kuntrattur estern London School of Economics Enterprise. Il-VIS tipprovdi eżami tal-impatt potenzjali ekonomiku, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem u ambjentali tal-ftehim kummerċjali.

Il-*“Valutazzjoni Ekonomika tal-Eżitu Negozjat”* (l-EANO, Economic Assessment of Negotiated Outcome) twettqet mis-servizzi tal-Kummissjoni wara l-konklużjoni tan-negozjati u wara li rriflettiet l-eżitu tagħhom.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-VIS tikkonsisti f'żewġ komponenti komplementari. L-ewwel nett, analiżi robusta tal-impatti ekonomiċi, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem u ambjentali, li l-ftehim kummerċjali li qed jiġi nnegozjat jista' jkollu fl-UE, fil-pajjiżi tal-Mercosur u f'pajjiżi rilevanti oħra. It-tieni, proċess wiesa' ta' konsultazzjoni li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi tal-Mercosur, li jipprovdi opportunitajiet għall-ġbir u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni u t-tixrid tar-riżultati. Il-VIS tipprovdi kontribut siewi għall-proċess tat-tfassil ta' miżuri possibbli ta' akkumpanjament u mitigazzjoni, inkluż permezz ta' proposti fl-istudju.

Ir-rapport juża l-verżjoni dinamika tal-Mudell tal-GTAP biex jistudja l-impatti ta' żewġ xenarji, wieħed konservattiv u wieħed aktar ambizzjuż, fir-rigward tal-eżitu tan-negozjati f'termini ta' tnaqqis tal-miżuri tariffarji u mhux tariffarji miż-żewġ partijiet. Fix-xenarju konservattiv, il-PDG fl-UE jespandi b'EUR 10,9 biljun (0,1 %) u fil-Mercosur b'EUR 7,4 biljun (0,3 %) sal-2032, meta mqabbel mal-linja bażi tal-immudellar mingħajr l-FTA. Fix-xenarju ambizzjuż, il-PDG fl-UE jespandi b'EUR 15-il biljun u fil-Mercosur b'EUR 11,4 biljun.

L-EANO tivvaluta l-impatt ekonomiku tal-eżitu attwali tan-negozjati. Ma hijiex ibbażata fuq suppożizzjonijiet rigward l-eżitu mistenni tal-ftehim, għall-kuntrarju tal-VIS. Il-VIS ivvalutat l-impatt ta' żewġ xenarji — wieħed konservattiv u wieħed ambizzjuż — fir-rigward tal-eżitu tan-negozjati f'termini ta' tnaqqis tal-ostakli għall-kummerċ permezz ta' miżuri tariffarji u mhux tariffarji. L-EANO tistma l-impatt ekonomiku bbażat fuq il-konċessjonijiet attwali tal-miżuri tariffarji u mhux tariffarji. Tqis ukoll il-fatt li r-Renju Unit ma għadux fl-UE. Dan jispjega d-differenza fl-impatt stmat tal-ftehim fl-EANO meta mqabbel mal-VIS. Barra minn hekk, l-analiżi EANO hija aġġornata biex tinkludi l-aktar żviluppi reċenti fil-politika kummerċjali tal-UE.

- **Idoneità regulatorja u simplifikazzjoni**

L-ITA bejn l-UE u l-Mercosur ma huwiex soġġett għall-proċeduri tar-REFIT. Madankollu, jinkludi qafas għal proċeduri simplifikati ta' kummerċ u investment, tnaqqis fil-kostijiet relatati mal-esportazzjoni u l-investment u għalhekk se jżid l-opportunitajiet ta' kummerċ u

investiment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fiż-żewġt iswieq. Fost il-benefiċċji mistennija hemm żieda fit-trasparenza, regoli tekniċi b'inqas piż, rekwiżiti ta' konformità, proċeduri doganali u regoli tal-oriġini, protezzjoni msaħħa tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, aċċess aħjar għall-offerti tal-akkwist pubbliku, kif ukoll kapitolu speċjali biex l-SMEs ikunu jistgħu jużaw l-opportunitajiet offruti skont il-Ftehim.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-ITA se jkollu impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE fuq in-naħa tad-dħul. L-ITA se jwassal għal telf stmat ta' dazji ta' EUR 330 miljun mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Wara li l-ITA jiġi implimentat bis-sħiħ min-naħa tal-UE (wara 15-il sena mid-dħul fis-seħħ tiegħu) it-telf annwali ta' dazji huwa stmat li jilħaq EUR 1 biljun. Din l-istima hija bbażata fuq projezzjoni tal-evoluzzjoni tal-kummerċ għall-15-il sena li ġejjin mingħajr l-ebda ftehim. Huwa mistenni li jkun hemm impatti pożittivi indiretti f'termini ta' żidiet f'riżorsi marbuta mat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-introjt nazzjonali gross.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-ITA jinkludi dispożizzjonijiet istituzzjonali li jistabbilixxu struttura għall-korpi ta' implimentazzjoni biex jimmonitorjaw kontinwament l-implimentazzjoni, l-operat u l-impatt tiegħu. Dan il-qafas istituzzjonali se jiġi sostitwit b'dak stabbilit fl-EMPA, mad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Il-kapitolu istituzzjonali tal-ITA jistabbilixxi l-funzjonijiet speċifiċi tal-Kunsill tal-Kummerċ li se jissorvelja t-tweġġ tal-objettivi tal-ITA u jissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu u tal-Kumitat għall-Kummerċ li se jassisti lill-Kunsill tal-Kummerċ fit-tweġġ ta' dmirijiet tiegħu.

Il-Kumitat għall-Kummerċ se jissorvelja l-ħidma ta' Sottokumitati speċjalizzati u korpi oħra stabbiliti skont l-ITA.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-ITA joħloq qafas legalment vinkolanti li huwa koerenti, komprensiv u aġġornat għar-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-Mercosur. Se jrawwem il-kummerċ u l-investiment billi jikkontribwixxi għall-espansjoni u d-diversifikazzjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali.

Permezz ta' dan il-ftehim, l-UE għandha l-għan li tipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għall-operaturi tagħha fis-suq tal-Mercosur. L-ITA jmur lil hinn mill-impnġi eżistenti tad-WTO f'bosta oqsma, bħalma huma l-kummerċ ta' merkanzija, is-servizzi, l-akkwist pubbliku, l-ostakli mhux tariffarji u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, inklużi l-indikazzjonijiet ġeografiċi (GIs, geographical indications). F'dawn l-oqsma kollha, il-pajjiżi tal-Mercosur qablu ma' impnġi ġodda sinifikanti meta mqabbla mat-termini tad-WTO. L-ITA fih ukoll dispożizzjonijiet avvanzati dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż impnġi b'saħħithom dwar id-deforestazzjoni.

Il-Ftehim jissodisfa l-kriterji tal-Artikolu XXIV tal-GATT (li jiġu eliminati d-dazji u regolamenti restrittivi l-oħra tal-kummerċ fir-rigward ta' sostanzjalment il-kummerċ ta' merkanzija kollu bejn il-partijiet), kif ukoll dawk tal-Artikolu V tal-GATS, li jipprovdi għal test simili fir-rigward tas-servizzi.

F'konformità mal-objettivi stabbiliti mid-direttivi ta' negozjati, il-Kummissjoni b'mod partikolari kisbet dan li ġej:

- (1) It-tneħħija sħiħa, maż-żmien, tad-dazji fuq 91 % tal-merkanzija li l-kumpaniji tal-UE jespportaw lejn il-Mercosur. Dan se jiffranka aktar minn EUR 4 biljun fis-sena f'dazji. Pereżempju, il-pajjiżi tal-Mercosur se jneħħu d-dazji għoljin fuq il-prodotti industrijali, bħall-karozzi (35 %), il-parts tal-karozzi (14 sa 18 %), il-makkinarju (14 sa 20 %), is-sustanzi kimiċi (sa 18 %), il-ħwejjeġ (sa 35 %), il-farmaċewtiċi (sa 14 %), iż-żraben tal-ġilda (sa 35 %) jew it-tessuti (sa 35 %). Il-Ftehim se jelimina progressivament ukoll id-dazji fuq l-esportazzjonijiet tal-ikel u x-xorb tal-UE, bħall-inbid (27 %), iċ-ċikkulata (20 %), l-ispirti (20 sa 35 %), il-gallettini (16 sa 18 %), il-ħawħ fil-laned (55 %) jew soft drinks (20 sa 35 %). Il-Ftehim se jipprovdi wkoll aċċess mingħajr dazju soġġett għall-kwoti għall-prodotti tal-ħalib tal-UE (bħalissa b'tariffa ta' 28 %), partikolarment il-ġobnijiet.
- (2) Ftuħ tas-suq ibbilanċjat mill-UE, peress li l-Ftehim se jelimina d-dazji tal-importazzjoni fuq 92 % tal-merkanzija tal-Mercosur esportati lejn l-UE. Prodotti agrikoli sensitivi bħaċ-ċanga, iż-zokkor jew il-pollam jingħataw biss trattament preferenzjali fi kwantitajiet limitati permezz ta' kwoti tariffarji kkalibrati bir-reqqa.
- (3) Għall-Arġentina, l-Urugwaj u l-Paragwaj, il-ftehim iżarma kompletament, jew jikkonsolida għal żero, it-taxxi fuq l-esportazzjoni tal-materja prima u fuq il-prodotti industrijali. Dan inaqqas ukoll it-taxxi fuq l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli (l-Arġentina), jew jeliminahom (l-Urugwaj, il-Paragwaj u l-Brażil). Għall-prodotti industrijali, il-Brażil ikkonsolida għal żero materja prima importanti meħtieġa għad-diversifikazzjoni ekonomika tal-UE (in-nikil, ir-ram, l-aluminju, il-materja prima tal-azzar, l-azzar, it-titanju). Il-Brażil żamm spazju politiku biex jimponi dazji fuq l-esportazzjoni ta' ċerta materja prima, f'każijiet bħal dawn l-UE kisbet preferenzi ta' mill-inqas 50 % fuq kwalunkwe taxxa fuq l-esportazzjoni introdotta mill-Brażil fil-futur u limitu massimu ta' 25 %.
- (4) Mekkaniżmu ta' salvagwardja bilaterali robust li jippermetti lill-UE u lill-Mercosur jimponu miżuri temporanji biex jirregolaw l-importazzjonijiet f'każ ta' żieda mhux mistennija u sinifikanti fl-importazzjonijiet, li tikkawża, jew thedded li tikkawża, dannu serju lill-industrija domestika tagħhom. Dawn is-salvagwardji japplikaw ukoll għall-prodotti agrikoli taħt ir-reġim tal-kwota tariffarja, jew jistgħu jkunu limitati għat-territorju tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, fejn rilevanti.
- (5) L-ogħla standards għas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti jkomplu japplikaw għall-prodotti kollha, irrISPETTIVAMENT minn jekk humiex prodotti domestikament jew importati fl-UE. Japplika l-prinċipju ta' prekawzjoni. Il-Ftehim jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa mal-awtoritajiet tal-pajjiżi sħab u fluss aktar mgħaġġel ta' informazzjoni dwar kwalunkwe riskju potenzjali permezz ta' sistema ta' informazzjoni u notifika aktar diretta u effiċjenti.
- (6) Kapitulu komprensiv dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, li għandu l-għan li jiżgura li l-kummerċ jappoġġa l-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp soċjali. Il-kapitulu jkopri kwistjonijiet bħall-ġestjoni sostenibbli u l-konservazzjoni tal-foresti, ir-rispett għad-drittijiet tax-xogħol u l-promozzjoni ta' mgħiba responsabbli fin-

negozju. Jinkludi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi għas-soluzzjoni tat-tilwim u mekkaniżmu ta' rieżami ddedikat. Il-kapitolu jinkludi wkoll impenn espliċitu biex jiġi implimentat b'mod effettiv il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, li ġie miftiehem ukoll li jikkostitwixxi element essenzjali tal-EMPA, u b'hekk jippermetti sospensjoni tal-ITA jekk Parti toħroġ mill-Ftehim ta' Pariġi jew tieqaf milli tkun parti "*in bona fide*". Anness tal-kapitolu dwar it-TSD fih impenji mill-Partijiet biex jieħdu miżuri biex iwaqqfu aktar deforestazzjoni mill-2030. Din hija l-ewwel darba li l-Partijiet għal ftehim kummerċjali soġġett għal soluzzjoni tat-tilwim jieħdu impenn legali individwali biex iwaqqfu d-deforestazzjoni. Il-Ftehim jagħti wkoll l-opportunità lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jkollhom rwol attiv fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ftehim, inkluż kull tħassib dwar l-ambjent.

- (7) Opportunitajiet ġodda ta' offerti għall-offerenti tal-UE mal-pajjiżi tal-Mercosur, li ma humiex membri tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi. Din hija l-ewwel darba li l-pajjiżi tal-Mercosur se jifflu s-swieq tal-akkwist pubbliku tagħhom. Il-kumpaniji tal-UE se jkunu jistgħu jagħmlu offerti għal kuntratti ma' awtoritajiet pubbliċi, bħall-ministeri tal-gvern ċentrali u aġenziji governattivi u federali oħra, fuq l-istess livell ma' kumpaniji mill-pajjiżi tal-Mercosur.
- (8) It-tneħħija tal-ostakli tekniċi u regulatorji għall-kummerċ fil-kummerċ ta' merkanzija, b'mod partikolari billi jiġi promoss l-użu taċ-ċertifikazzjoni u l-konverġenza tal-ewwel parti permezz tal-użu ta' standards internazzjonali adottati mill-ISO, l-IEC, l-ITU u l-Codex Alimentarius, kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra li jistabbilixxu l-istandards, f'konformità mad-definizzjoni komuni maqbula mill-UE u l-Mercosur. Hemm ftehim biex jitnaqqas l-ittestjar doppju fis-settur tal-elettronika f'oqsma ta' riskju baxx. Se jkun hemm ukoll Anness speċifiku dwar il-Vetturi bil-Mutur li jippromwovi r-Regolamenti tal-UNECE u jnaqqas l-ittestjar doppju fis-settur.
- (9) Anness komprensiv b'dispożizzjonijiet dettaljati biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ fl-inbid u l-ispirti, li jkopri r-rikonossiment tal-prattiki tal-produzzjoni tal-inbid, iċ-ċertifikazzjoni u t-tikkettar, f'konformità mal-aktar FTAs moderni tal-UE.
- (10) Il-ftuħ tas-setturi tas-servizzi u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi bejn l-UE u l-Mercosur, kemm permezz tal-istabiliment lokali kif ukoll fuq bażi transfruntiera. Il-Ftehim ikopri firxa wiesgħa ta' setturi tas-servizzi, inklużi s-servizzi tan-negozju, is-servizzi finanzjarji, it-telekommunikazzjonijiet, it-trasport marittimu (għall-ewwel darba l-Mercosur qed jiftaħ it-trasport marittimu fir-reġjun), is-servizzi postali u tal-kurrier. Dan jinkludi wkoll impenji dwar l-istabiliment ta' intrapriżi, kemm fis-setturi tas-servizzi kif ukoll f'dawk mhux tas-servizzi. Dan se jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn il-fornituri tas-servizzi tal-UE u l-kompetituri tagħhom fil-Mercosur. Id-“dritt għar-regolamentazzjoni” fl-interess pubbliku huwa ppreservat bis-sħiħ, fil-livelli kollha tal-gvern. Il-Ftehim fih ukoll dispożizzjonijiet avanzati dwar il-moviment ta' professjonisti għal skopijiet ta' negozju, bħal maniġers jew speċjalisti li l-kumpaniji tal-UE jstazzjonaw lis-sussidjarji tagħhom fil-pajjiżi tal-Mercosur. Hemm ukoll kapitolu sostantiv dwar il-kummerċ elettroniku — novità għas-sħab tal-Mercosur.
- (11) Livell għoli ta' protezzjoni u infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali inklużi dispożizzjonijiet dettaljati dwar id-drittijiet tal-awtur, is-sigrietijiet kummerċjali u l-infurzar li jipprevedu protezzjoni mtejbja.

- (12) Livell għoli ta' protezzjoni u infurzar għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (GIs) tal-UE, komparabbli ma' dak tal-UE, għal 344 isem tal-UE ta' prodotti tal-ikel, tal-inbid u tal-ispirti ta' kwalità.
- (13) Kapitolu ddedikat għall-SMEs biex jiġi żgurat li dawn jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet offruti mill-ITA.
- (14) Mekkaniżmi effiċjenti għas-soluzzjoni tat-tilwim jew permezz ta' bord ta' arbitraġġ jew bl-għajnuna ta' medjatur. Il-kapitolu dwar is-soluzzjoni tat-tilwim jinkludi dispożizzjonijiet ġodda mmudellati fuq l-ilment mhux ta' ksur tad-WTO — jekk parti tqis li miżura tal-parti l-oħra tannulla jew tfixxkel sostanzjalment il-benefiċċji tagħha skont il-Ftehim, hija tista' titlob lil bord biex jiddeċiedi dwar din il-kwistjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Settembru 1999, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tiftaħ negozjati dwar Ftehim mas-Suq Komuni tan-Nofsinhar u l-Istati Parti tiegħu li jikkonsisti f'partijiet politiċi, ta' kooperazzjoni u kummerċjali.
- (2) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fis-6 ta' Diċembru 2024.
- (3) Is-sħubija li għadha kif ġiet innegozjata tikkonsisti f'żewġ strumenti legali paralleli. L-ewwel strument huwa l-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur"), li jinkludi l-pilastru Politiku u ta' Kooperazzjoni, u l-pilastru tal-Kummerċ u l-Investment. It-tieni strument huwa l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), li jkopri l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investment. Il-Ftehim se jieqaf milli jkollu effett u se jiġi sostitwit mill-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur mad-dħul fis-seħħ ta' dan tal-aħħar.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim li għandu jiġi ffirmat huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA “DĦUL” - GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU FUQ IN-NAĦA TAD-DĦUL TAL-BAĠIT

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra

2. LINJI BAĠITARJI:

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita): Kapitolu 12, Artikolu 120

Ammont stmat għas-sena kkonċernata (2025): EUR 21 082 004 566

(fil-każ ta' dħul assenjat biss):

Id-dħul jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

3. IMPATT FINANZJARJU

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul

Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR sa pożizzjoni deċimali waħda)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul	12-il xahar	Sena 2026
Kapitolu 12/Artikolu 120	<i>EUR 247,5 miljun</i>	Dħul fis-seħħ mistenni fil-bidu tal-2026	0
Kapitolu 12/Artikolu 120			

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tad-dħul	[N+15]	[N+16]	[N+17]	[N+18]	[N+19]
Kapitolu 12/Artikolu 120	<i>EUR 1 biljun</i>	<i>EUR 1 biljun</i>	<i>EUR 1 biljun</i>	<i>EUR 1 biljun</i>	<i>EUR 1 biljun</i>
Kapitolu/Artikolu/Partita ...					

(Fil-każ ta' dħul assenjat biss, bil-kundizzjoni li l-linja baġitarja tkun diġà magħrufa):

Linja tan-nefqa ²	Sena N	Sena N+1
Kapitolu/Artikolu/Partita ...		
Kapitolu/Artikolu/Partita ...		

Linja tan-nefqa	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]
Kapitolu/Artikolu/P artita ...				
Kapitolu/Artikolu/P artita ...				

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

5. RIMARKI OĦRA

Id-Deċiżjoni proposta ma ġġarrabx kostijiet addizzjonali (nefqa) fil-baġit tal-UE.

L-ITA se jkollu impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE fuq in-naħa tad-dħul. L-ITA se jwassal għal telf stmat ta' dazji ta' EUR 247,5 miljun mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim³. Wara li l-ITA jiġi implimentat bis-sħiħ min-naħa tal-UE (wara 15-il sena mid-dħul fis-seħħ tiegħu) it-telf annwali ta' dazji huwa stmat li jilħaq EUR 1 biljun. Din l-istima hija bbażata fuq projezzjoni tal-evoluzzjoni tal-kummerċ għall-15-il sena li ġejjin mingħajr l-ebda ftehim.

Huwa mistenni li jkun hemm impatti pożittivi indiretti f'termini ta' żidiet f'riżorsi marbuta mat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-introjtu nazzjonali gross.

² Tintuża biss jekk ikun hemm bżonn.

³ L-ammont stmat ta' telf ta' dħul ta' EUR 247,5 miljun huwa nett mill-kost tal-ġbir (tnaqqis ta' 25 % mid-dħul stmat ta' EUR 330 miljun).